**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.D.

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Appell Nru: 496/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Roderick Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Roderick Calleja detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10487M talli fl-20 ta' Lulju, 2014 ghall-habta ta' 18:30pm waqt li kien gewwa l-port tax-Xemxija saq speed boat jew xi ngenju iehor tal-bahar bin-numru ta' registrazzjoni S-13733 li jithaddem bil-mutur bl-isem Mercury 150 bi speed ta' aktar minn 10 knots f'xi port u cioe' gewwa l-Port tax-Xemxija u dan bi ksur ta' Reg. 25(a) SL 499.52., kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, halla jew ippermetta li tinstaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu

ghall-hajja jew jista' jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni u dan bi ksur ta' Reg. 26 u Reg. 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52. Il-Qorti kienet mitluba tirrevoka l-licenzja nawtika ghal dak iz-zmien li jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' Novembru, 2014, li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu multa ta' sitt mitt ewro (€600)

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Calleja, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Dicembru, 2014, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Semghet u rat il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-appellant u tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1 Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma semplicement li waqt li l-appellant kien qed isuq dghajsa tieghu hiereg mill-Port tax-Xemxija huwa twaqqaf mill-Pulizija, li kienu jinsabu fuq dghajsa ohra, ghaliex deherilhom li qed isuq b'velocita' aktar minn ghaxar mili nawtici fis-siegha li huwa l-limiti preskritt ghall-dik iz-zona. Ma huwiex kontestat illi f'dak il-mument l-appellant kien jinsab f'zona ta' velocita' li ma setghetx kienet in eccess ta' ghaxar mili nawtici fis-siegha. L-appellant izda jikkwerela l-verzjoni tal-prosekuzzjoni li kien ghaddej in eccess ta' din il-velocita' u li kawza ta' hekk kien qed isuq b'mod perikoluz;

2 Skond ix-xhieda bl-affidavit ta' PS 1141, huwa kien innota dghajsa qed tipprocedi b'velocita' tali li kienet planjata u b'hekk kellha velocita' ta' aktar minn 10 knots u ghalhekk ghadda biex intercetta id-dghajsa fejn l-appellant ammetta mieghu li kien fil-fatt qed isuq in eccess tal-limitu. Patrick Pollacco li huwa Senior Manager Maritime Security and Enforcement Officer fi Trasport Malta, li dak il-hin kien fuq id-dghajsa tal-Pulizija, zied jghid li d-dghajsa tal-appellant kienet twila sitt metri u mghammra b'magna ta' potenza ta' 150 HP;

3 L-ewwel gravami mressqa mill-appellant huwa li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma humiex tali li setghu iwasslu ghal sejbien ta' htija. L-argument tal-appellant hu li l-ewwel Qorti strahet fuq l-opinjoni tax-xhieda meta dawn ma kienux esperti nominati minnha. Jinghad minnufih in rigward illi din il-Qorti ser tiskarta kull parti tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li tista' titqies bhala opinjoni kif ukoll, anke jekk mhux rikjest mill-appellant, dik il-parti tax-xhieda li tghid li hu ammetta maghhom li kien ghaddej b'dik il-velocita'. Kwistjoni konsimili gia kienet deciza minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Benjamin Muscat tas-17.10.2013 fejn kien ritenut illi "*Bhala xhieda din hija accettabbli u ma tistax titqies bhala opinjoni la gejja minn Enforcement Officer li huwa mpjegat u nkarigat sabiex jassigura illi l-limiti tal-velocita' jkunu rispettati fi kwalunkwe hin madwar ix-xtajta ta' Malta*";

4 Stabbilit dan, hija pertinenti hafna d-dikjarazzjoni tas-Sur Pollacco illi l-velocita' li biha kien ghaddej l-appellant ma kienitx wahda ta' ftit aktar minn ghaxar knots ghaliex skond hu hadd ma jispicca l-Qorti jekk l-velocita' ma tkunx tiskorri l-14-il knot. Il-velocita' tal-appellant kienet tali li gibdet l-attenzjoni tal-ufficcjali tant li kellhom jintercettawh. Meta l-fatti jirravvizaw dubju dwar jekk il-velocita' kienitx ftit taht, qrib jew ftit aktar minn 10 knots, u meta x-xhieda ma jkunux univoci, din il-Qorti stess ghaddiet biex tillibera la darba l-awtoritajiet ma humiex mghammra b'apparat appozitu li jkunu jistghu juru bic-car illi kien hemm eccess tal-limitu ta' velocita' (ara in rigward Il-Pulizija vs Paul

William Pullicino App Krim 4.2.2106). Fil-kaz odjern, ghalkemm iz-zewg xhieda ma jistghux jghidu b'mod preciz x'kienet il-velocita' tal-appellant, huma konvinti li kienet hafna aktar minn ghaxar nodi.

5 L-appellant jargumenta ukoll illi kien hemm dubju ragjonevoli li kellu jwassal lill-ewwel Qorti tillibera lill-appellant. Bid-dovut rigward, ezaminati l-atti jemergi illi l-appellant ma ghamel l-ebda kontro-ezami ta' PS1141. Fil-kontro-ezami tas-Sur Pollacco hareg biss illi ma setghax jghid x'kienet il-velocita' izda kien cert li kienet ferm in eccess tal-ghaxar nodi u aktar minn erbatax ghaliex kieku ma kienx jordna t-twaqqif tieghu;

6 L-appellant jargumenta ukoll illi d-distanza bejn id-dghajsa tieghu u dik tal-Pulizija kienet tali li kien impossibbli li tkun stabilita l-velocita' tieghu u ccita in rigward s-sentenza ta' Benjamin Muscat gia citata *supra*. F'dak il-kaz, izda, il-kwisjtoni kienet dwar l-eccess ta' velcoita' b'mod marginali meta hawn si tratta ta' velocita' ferm in eccess tal-ghaxar nodi;

7 L-aggravju tal-appellant li hu ma setghax ikun li ammetta mal-Pulizija li kien ghaddej in eccess tal-velocita' permessa ghaliex l-*ispeedometer* tieghu juri qari ta' velocita bil-mili u mhux mili nawtici mghandux ghalfejn ikun kkunsidrat ghaliex kif gia inghad din il-Qorti qed tiskarta kull ammissjoni li seta ghamel l-appellant meta mitkellem mill-Pulizija. Tra parentesi, izda, u minghajr ebda effett fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri, tajjeb li jkun senjalat li huwa fl-interess tal-appellant li jara li d-dghajsa tkun mghonija bl-apparat idoneju;

8 L-appellant jargumenta ukoll illi mkien mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma rrizulta li s-sewqan tieghu kien ta' xi perikolu ghall-hajja ta' haddiehor. Hawnhekk l-appellant qed jirreferi ghat-tieni imputazzjoni u wara li din il-Qorti semghet hi stess lis-Sur Pollacco jghid illi ix-Xemxija jkun hemm kongregazzjoni ta' dghajjes u ta' spiss jircievi ilmenti ta' nies li instamtu jew kienu ser jaqghu barra d-dghajsa taghhom minhabba caqlieq qawwi fil-bahar u kien ghalhekk li huma

jkunu dejjem prezenti hemmhekk. Ezaminat r-regolament 26 tal- L.S. 499.52 jemergi illi dan jitkellem dwar dik il-velocita' li "*x'aktarx ikun ta' periklu ghall-hajja jew jista' jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizzjoni*". Issa kif jemergi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni, l-appellant kien planjat. Dan ifisser illi 'l hinn minn jekk il-velocita' tieghu kienitx anqas jew aktar minn ghaxar nodi, kien ghaddej b'tali mod li seta jkun ta' periklu ghal-hajja ta' haddiehor **f'dawk ic-cirkostanzi**, igifieri fejn ghandha gemgha ta' dghajjes u fejn hemm il-probabilita' ta' nies fil-bahar;

9 Illi ghalhekk, l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba dik il-konkluzzjoni;

10 Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.